## A. Il-kitba ta' avviż (10 marki)

**L-iskola** tiegħek se torganizza żewġ attivitajiet. Agħżel attività **waħda** u ikteb **avviż** dwarha biex tħajjar lit-tfal u l-familji tagħhom jattendu din l-attività.
L-avviż għandu jkun **bejn 50 u 60 kelma**.

**Agħżel** in-numru 1 **JEW** in-numru 2.



**1. Jum l-Isports fl-Iskola Tagħna**

**JEW**

**2. Jum l-Ambjent fl-Iskola Tagħna**



**Fil-linji t'hawn taħt ikteb l-avviż.**

Dawn il-mistoqsijiet qegħdin biex jgħinuk tikteb l-avviż.

- *X'inhu l-iskop ta' din l-attività?*
- *Meta, fejn u x'ħin se tkun din l-attività?*
- *X'se jsir f'din l-attività?*

**Avviż _____ (Ikteb 1 *jew* 2)**



## B. Il-kitba ta' djalogu (20 marka)

Agħżel **wieħed** minn dawn is-suġġetti biex tikteb **djalogu** li jkun **bejn 140 u 200 kelma**.

### 1. Djalogu bejnek u bejn persuna li kellmitek mit-televixin

***JEW***

### 2. Djalogu bejnek u bejn iz-ziju Omar

| | |
|---|---|
| **1.**<br> | **Djalogu bejnek u bejn persuna li kellmitek mit-televixin**<br><br>Dakinhar kont qed tara programm fuq it-televixin. F'daqqa waħda l-persuna tal-programm bdiet tħares lejk u tkellmek. Ikteb id-djalogu li kien hemm bejnietkom.<br><br>*Il-persuna tista' tkun maskil jew femminil.*<br><br>*Dawn huma xi ideat għad-djalogu: Min kienet din il-persuna? X'jisimha? X'qaltlek? Kienet ferħana jew imdejqa? Inti ħadt pjaċir b'li qaltlek? Għaliex?* |

**JEW**

| | |
|---|---|
| **2.**<br> | **Djalogu bejnek u bejn iz-ziju Omar**<br><br>Il-Ħadd li għadda mort ġurnata l-baħar man-nanniet. L-għada ltqajt maz-ziju Omar. Ikteb id-djalogu li kien hemm bejnietkom dwar din il-ħarġa.<br><br>*Dawn huma xi ideat għad-djalogu: Fejn mort? X'rajt interessanti? X'tgħallimt? X'għoġbok? X'm'għoġbokx? Tixtieq terġa' tmur? Għaliex?* |

**Fuq paġna 5 agħmel il-pjan tad-djalogu li għażilt.**

## Il-pjan tad-djalogu *(4 marki)*

Agħmel **il-pjan** tad-djalogu li għażilt.

**Djalogu ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

## Id-djalogu li għażilt *(16-il marka)*

Uża l-pjan tiegħek biex tikteb id-djalogu li għażilt.

Id-djalogu għandu jkun **bejn 140 u 200 kelma**.

**Djalogu ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

| |
|---|
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

| |
|---|
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

**Tmiem il-Karta**